SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 27/KA2/17

27 ta' Marzu 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.15 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Maria Dolores Falzon – Membru
Joe Oliva – Membru
Richard Scicluna – Membru
Guido Dalli - Sindku

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa nforma lill-Kumitat li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba xogħol għalhekk ġie skużat.

**Assenti:**

L-ebda Membru ma' kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

27.1.01 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa nforma lill-Kumitat li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba xogħol għalhekk ġie skużat.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

27.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 26/KA2/17 għall-approvazzjoni.

27.2.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

27.2.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

27.2.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

27.2.04 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti tal-laqgħa tal-lokalità għall-approvazzjoni.

27.2.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**27.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

27.3.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li dalwaqt ser jibda x-xogħol fil-Ġnien Spinola mill-Awtorità tat-Turiżmu filwaqt li l-ġnien iż-żgħir ta' Triq il-Knisja kantuniera ma Triq Spinola (ħdejn id-Dicks Bar li hu tal-Għonella Restaurant) qed jiġi rranġat u saret applikazzjoni min naħa tal-Ghonella Restaurant sabiex jinfetaħ bħala restorant.

**27.4 Talbiet żgħar**

Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdu t-talbiet żgħar li nqraw miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Talbiet żgħar** |
|---|---|
| 926 | Email mingħand is-Sur Kurt Crockford biex jitpoġġa *banner*. |
| P55 | Talba mingħand Jean-Luc Micallef dwar reklamar f'Paceville minn Ġunju sa Awwissu. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 925**

27.04.01 B'riferenza għall-email tas-Sur Kurt Crockford biex jitpoġġa *banner,* ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jaqbilx li jingħata l-permessi neċessarji.

**Rif. Nru. P55**

27.04.02 Saret riferenza għat-talba tas-Sur Jean-Luc Micallef dwar reklamar f'Paceville minn Ġunju sa Awwissu. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jaqbilx li jingħata l-permessi neċessarji.

**27.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

27.5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P483 sa nru. P494 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

27.5.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

27.5.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

27.5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

27.6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

27.6.02 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabbiltà' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalità tax-xogħol.

27.6.03 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

27.6.04 Iċ-Ċermen ssekondah.

27.6.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**27.7 Materji oħra**

27.7.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li ssir *Zebra Crossing* bħala prova bit-tarmak tal-kulur.

27.7.02 Ġie deċiż unanimament li ssir talba lill-Awtorità tat-Turiżmu sabiex ssir spezzjoni għax ħafna stabbilimenti ġewwa Paceville m'humiex jimxu mar-regolamenti tal-imwejjed u siġġijiet.

**27.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

27.8.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.35p.m.u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' April 2017 fl-4.00p.m.

Konfermati, illum 18 ta' April 2017

.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |